MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Numru 28/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Kontra**
**Jeremy Ciantar**

**Att t' Akkuza Nru: 28/2010**

Illum 7 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 28 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Jeremy Ciantar detentur tal-karta tal-identita bin-numru 383171M li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnax (12) ta` Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fil-granet ta` qabel din id-data JEREMY CIANTAR iddecieda xjentement u illegalment li jassocja ruhu ma persuni ohra f`Malta sabiex tigi ittraffikata u mibjugha d-droga raza tal-cannabis fil-Gzejjer Maltin.

Illi ghal dan il-ghan kriminuz JEREMY CIANTAR ftiehem u assocja ruhu ma certu Kevin Gatt propju sabiex dan Kevin Gatt jixtri ammont ta` droga raza tal-cannabis minghand certu Francis Bonnett. JEREMY CIANTAR ftiehem ma Francis Bonnett sabiex Kevin Gatt jixtri minghand Francis Bonnett madwar hamsa u ghoxrin (25) sapuna raza tal-cannabis ghal prezz ta` tlett mitt lira (Lm300) kull wahda. F`dan it-traffikar ta` droga l-akkuzat JEREMY CIANTAR kien se jiehu madwar mitejn lira (Lm 200). In esekuzzjoni ta` dan il-pjan mahsub minn qabel, fit- 12 ta` Ottubru 2008, JEREMY CIANTAR u Kevin Gatt l-ewwel marru fir-residenza ta` Francis Bonnett gewwa tas-Sliema fejn hemm hekk ghaddewlu basket tal-karti kontenenti s-somma ta` circa sittax il-elf ewro (Eur 16,000). Imbaghad wara JEREMY CIANTAR, Francis Bonnett u Kevin Gatt marru flimkien fl-inhawi tas-Salezjani f`tas-Sliema fejn kienet ipparkjata l-vettura ta` Francis Bonnett u hemm Francis Bonnett ghadda lil JEREMY CIANTAR zewg basktijiet li fihom kien hemm b`kollox erbgha u ghoxrin (24) sapuna raza tal-cannabis ghal-piz ta` madwar sebgha kilogrammi u nofs (7.5kg). Fortunatament il-Pulizija kienu qeghdin josservaw dak kollu li kien qed jigri u intervjenew fil-hin sabiex din l-attivita` kriminali tigi mifxula u l-akkuzat u l-persuni l-ohra involuti jigu arrestati. Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta` l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b-ghemilu, l-imsemmi JEREMY CIANTAR sar hati talli assocja ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga f'Malta (cannabis) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi JEREMY CIANTAR hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga f'Malta (cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar

il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni.
Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,8, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fl-istess zmien u cirkostanzi kif indikati fl-ewwel Kap ta` dan l-Att t`Akkuza u cioe` fit-12 ta` Ottubru 2008 u fil-jiem ta` qabel, l-imsemmi JEREMY CIANTAR iddecieda xjentement u illegalment li jibda jmexxi, jittraffika u jforni d-droga raza tal-cannabis lil terzi fil-Gzejjer Maltin.

Illi xi granet qabel it-12 t`Ottubru 2008 JEREMY CIANTAR gie mgharraf minn certu Kevin Gatt li xtaq jixtri ammont ta` droga raza tal-cannabis sabiex din tigi eventwalment mibjugha u traffikata f`Malta ghal-skopijiet ta` lukru ghad-dannu tas-socjeta Maltija. JEREMY CIANTAR informa lil Kevin Gatt li certu Francis Bonnett kien lest li jbieghlu ammont ta` droga raza tal-cannabis ghal prezz ta` tliet mitt lira (Lm 300) is-sapuna. JEREMY CIANTAR b`hekk involva ruhu fl-ghoti ta` informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri u traffikar tad-droga raza tal-cannabis f`Malta u ghamel l-arrangementi kollha necessarji sabiex ikun hemm dan it-traffikar ta` droga. Ghal dan is-servizz JEREMY CIANTAR kien se jiehu mitejn lira (Lm 200).

In esekuzzjoni ta` dan il-pjan mahsub minn qabel, fit- 12 ta` Ottubru 2008, JEREMY CIANTAR u Kevin Gatt l-ewwel marru fir-residenza ta` Francis Bonnett gewwa tas-Sliema fejn hemm hekk ghaddewlu basket tal-karti

kontenenti s-somma ta` circa sittax il-elf ewro (Eur 16,000). Imbaghad wara JEREMY CIANTAR, Francis Bonnett u Kevin Gatt marru flimkien fl-inhawi tas-Salezjani f`Tas-Sliema fejn kienet ipparkjata l-vettura ta` Francis Bonnett u hemm Francis Bonnett ghadda lil JEREMY CIANTAR zewg basktijiet li go fihom kien hemm b`kollox erbgha u ghoxrin (24) sapuna raza tal-cannabis ghal-piz ta` madwar sebgha kilogrammi u nofs (7.5 kg). Fortunatament il-Pulizija kienu qeghdin josservaw dak kollu li kien qed jigri u intervjenew fil-hin sabiex din l-attivita` kriminali tigi mifxula u l-akkuzat u l-persuni involuti jigu arrestati.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b’ghemilu, l-imsemmi JEREMY CIANTAR sar hati talli forna, biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f’xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib avoral ital-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- JEREMY CIANTAR talli forna, biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f’xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi

awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi jigi kkundanat ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska avor il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom avor-reat u l-konfiska avor il-gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi l-akkuzat JEREMY CIANTAR in eżekuzzjoni ta` l-assocjazzjoni sabiex tigi traffikata d-droga raza tal-cannabis f`Malta kif deskritt fl-ewwel Kap ta` dan l-Att t`Akkuza, fit-12 t`Ottubru 2008, mar flimkien ma` Kevin Gatt u Francis Bonnett fl-inhawi tas-Salezjani f`Tas-Sliema fejn kienet ipparkjata l-vettura ta` Francis Bonnett. X`hin waslu hemmhekk Francis Bonnett ghadda lil JEREMY CIANTAR zewg basktijiet li fihom kien hemm b`kollox erbgha u ghoxrin (24) sapuna raza tal-cannabis ghal-piz ta` madwar sebgha kilogrami u nofs (7.5 kg). Din id-droga kienet intiza biex tigi traffikata f`Malta ghal-skopijiet ta` lukru. JEREMY CIANTAR kien fil-pussess xjenti tad-droga raza tal-cannabis u liema ammont juri illi d-droga ma kienetx għall-użu esklussiv tiegħu.

Fortunatament il-Pulizija kienu qeghdin josservaw dak kollu li kien qed jigri u intervjenew fil-hin sabiex din l-attivita` kriminali tigi mifxula u l-akkuzat u l-persuni l-ohra involuti jigu arrestati.

Id-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).

Illi b’ghemilu, l-imsemmi JEREMY CIANTAR sar hati talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi JEREMY CIANTAR talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll

Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi JEREMY CIANTAR u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm 1000) izda mhuz izjed minn hamsin elf lira Maltija (Lm 50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939], u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Jeremy Ciantar ipprezentat fit-2 ta' Ottubru, 2013 fejn iddikjaraw li qed jaqblu ai termini tal-arikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqhu, wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kaptiolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg gradi, ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' ghaxar (10) snin u sitt (6) xhur flimkien ma' multa ta' erbgha u ghoxrin elf Ewro (€24,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenzi ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta,  inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-projeta` mobbli u immobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil Jeremy Ciantar hati talli:

1. Fit-12 t'Ottubru 2008 u fil-granet ta' qabel din id-data assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta jew ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex ibiegh jew jitraffika d-droga f'Malta (cannabis) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.
2. Fit-12 t'Ottubru 2008 u fil-granet ta' qabel din id-data, forna, biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi jew minn xi awtorità apposta moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jforni d-droga msemmija, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifatura d-droga msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.
3. Fit-12 t'Ottubru 2008 u fil-granet ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bhala bazi din ir-raza meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma

kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 8, 8 (a), 8(b), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24, 26 u 29 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 4(a) u 9 tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [N.G. 292 ta' l-1939] u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-hati**, Jeremy Ciantar** ghall-piena komplessiva ta' ghaxar (10) snin u sitt (6) xhur prigunerija, kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta' erba` w ghoxrin elf Ewro (€24,000), kif ukoll li jhallas is-somma ta' elf, hames mija u tlettax il-Ewro u hamsa w tmenin centezmu (€1513.85)

rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assistent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------